MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1279/2005

**Mac Car Hire Limited (C16217)**

**vs**

**Paul & Rocco (Gzira) Limited (C2661)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas mill-konvenut ta' hames mija u disgha u disghin Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM599.10) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta konvenuta lil **Mac Car Hire Limited** rapprezentanti spejjez ta' hsarat u tiswijiet komplessivi li l-istess socjeta' attrici kellha taghmel kagun ta' difetti latenti li rrizultaw fil-vettura tat-tip Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni LGY-069, liema vettura giet mixtrija fl-14 ta' Dicembru, 2004 minghand is-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-hlas eventwali..

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut li permezz taghha eccepiet illi s-socjeta' konvenuta qed tikkontesta t-talba attrici ghas-segwenti raguni:

1) Illi l-azzjoni attrici hija nsostenibbli u dana stanteli r-rimedji ghad-disposizzjoni tax-xerrej meta jigi allegat id-difett latenti huma tnejn u cioe' *actio redhibitoria* jew *actio aestimatoria* u dana a termini tal-Artiklu 1427 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Azzjoni proposta mis-socjeta' attrici ma tinkwadrax f'wahda minn dawn ghaldaqstant hija insostennibli.
2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suesppost jigi eccepit illi dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti sabiex jittrattta l-kawza odjerna u dana stante li l-azzjoni odjerna hija essenzjalment id-determinazzjoni o meno ta' difett latenti f'oggett li l-valur tieghu jeccedi l-kompetenza ta' dana t-tribunal apparti l-fatt li l-valur tieghu jeccedi l-kompetenza stabbilita fis-sub inciz 2 tal-artiklu 3 tal-Kap 380 tal'Ligijiet ta' Malta. It-Talba attrici hija redotta b'tali mod li tahti x'tifhem li hija talba ghal hlas izda kif espost hija essenzjalment talba sabiex jigi indagat allegazzjoni tad-difetti latenti.
3) Illi minghajr pregudizzju jigi eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jekk jirrizultaw xi hsarat fil-vettura dawn certament mhux b'konsegwenza ta' xi difetti latenti fil-vettura;
4) Illi minghajr pregudizzju jigi eccepit illi s-socjeta' attrici ma tistax titlob li jsiru r-riparazzjonijiet tad-difetti allegati u wisq anqas tista' titlob ir-rimbors tal-ispejejz minnha nkorsi ghal tali riparazzjonijiet;
5) Illi minghajr pregudizzju jigi eccepit illi fi kwalunkwe' kaz irid jigi pruvat ili l-ispejjez kollha inkorsi kienu kollha konsegwenzjali tal-allegat difett latenti u necessarju sabiex jigu rimedjati tali diffet;
6) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema t-trattazzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Ra illli l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoniiet sollevat mill-konvenut;

Ikkunsidra

Illi s-socjeta attrici xtrat vettura mis-socjeta' attrici u dawn skoprew illi din il-vettura hija afflitta minn difett latenti, u f'dawn il-proceduri qed jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu d-danni sofferti kawza ta' dawn id-difetti. Is-Socjeta' attrici pprezentat ricevuti in sostenn.

Is-socjeta' konvenuta qed tecceppixxi fl-ewwel lok li l-azzjoni hija nulla peress illi qed isostnu lli r-rimedji tax-xerrej f'kaz bhal dan huwa tnejn *actio redhibitoria* jew action *aestimatoria.*

Is-Socjeta' attrici ma talbietx l-ebda minn dawn l-azzjonijiet izda talblet il-hlas ta' danni li jammontaw ghal hames mija u disgha u disghin Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM599.10). Dan in-nuqqas da parti tas-socjeta' jrendi l-azzjoni taghha bla ebda bazi guridika.

A bazi tal-insenjament dottrinali tal-Qrati taghna u tal-konkluzjoni raggunta minn dan it-Tribunal jidher illi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta hija sostennibli.

It-Tribunal fic-cirkostanzi jaqta' u jiddeciedi lli ghar-ragunijiet premessi jichad it-talbiet attrici u jilqa' l-eccezzjoniet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------